SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Diċembru 2021 *

"Appell – Unjoni Ekonomika u Monetarja – Unjoni Bankarja – Irkupru u riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti ta' investiment – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti ditti ta' investiment (SRM) – Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) – Proċedura ta' riżoluzzjoni applikabbli fil-każ ta' inadempjenza kkonfermata jew prevedibbli ta' entità – Adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español SA – Għodda ta' bejgħ ta' negozju – Żvalutazzjoni u konverżjoni ta' strumenti kapitali – Regolament (UE) Nru 806/2014 – Artikolu 20 – Kunċett ta' 'valwazzjoni definittiva' – Konsegwenzi – Rifjut jew astensjoni li titwettaq valwazzjoni definittiva *ex post* – Rimedji ġudizzjarji – Rikors għal annullament"

Fil-Kawża C-874/19 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2019,

Aeris Invest Sàrl, stabbilita fil-Lussemburgu (il-Lussemburgu), inizjalment irrappreżentata minn R. Vallina Hoset u A. Sellés Marco, abogados, sussegwentement minn R. Vallina Hoset, E. Galán Burgos u M. Varela Suárez, abogados,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża hija:

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), irrappreżentat minn J. King, L. Pogarcic Mataija u E. Muratori, bħala aġenti, assistiti minn F. Louis u G. Barthet, avocats, kif ukoll minn H.-G. Kamann u L. Hesse, Rechstanwälte,

konvenut fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Prechal, Presidenta tat-Tieni Awla, li qiegħda taġixxi bħala President tat-Tielet Awla, J. Passer, F. Biltgen, L. S. Rossi u N. Wahl (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Krausenböck, Amministratriċi,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' April 2021,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2021,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Aeris Invest Sàrl qiegħda titlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-10 ta' Ottubru 2019, Aeris Invest vs SRB (T-599/18, mhux ippubblikat, iktar 'il quddiem id-"digriet appellat", EU:T:2019:740), li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tagħha intiż għall-annullament tal-allegat rifjut tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) li jwettaq valwazzjoni definittiva *ex post* ta' Banco Popular Español SA (iktar 'il quddiem "Banco Popular"), li kienet ġiet informata dwaru permezz ta' ittra tal-14 ta' Settembru 2018.

Il-kuntest ġuridiku

2 Skont il-premessa 64 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1):

"Huwa importanti li t-telf jiġi rrikonoxxut mal-falliment [mal-inadempjenza] tal-entità. Il-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' entitajiet li qed ifallu [entitajiet inadempjenti] għandha tkun ibbażata fuq suppożizzjonijiet ġusti, prudenti u realistiċi fil-mument meta jiġu applikati l-għodda ta' riżoluzzjoni. Il-valur tal-obbligazzjonijiet m'għandux madankollu jintlaqat fil-valwazzjoni mill-istat finanzjarju tal-entità. Għandu jkun possibbli, għal raġunijiet ta' urġenza, li [is-SRB] jagħmel valwazzjoni rapida tal-assi jew l-obbligazzjonijiet ta' entità li tkun qed tfalli. Dik il-valwazzjoni għandha tkun proviżorja u għandha tapplika sakemm titwettaq valwazzjoni indipendenti."

3 Ir-Regolament Nru 806/2014 jinkludi l-Artikolu 20, intitolat "Valwazzjoni tal-għanijiet ta' riżoluzzjoni", li jipprovdi:

"1. Qabel jiddeċiedi dwar azzjoni ta' riżoluzzjoni jew l-eżerċizzju tas-setgħa li jagħmel valwazzjoni negattiva [żvalutazzjoni] jew jikkonverti strumenti kapitali rilevanti, [is-SRB] għandu jiżgura li titwettaq valwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 minn persuna indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inkluż [is-SRB] u l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, u mill-entità konċernata.

2. Soġġett għall-paragrafu 15, fejn ir-rekwiżiti kollha stipulati fil-paragrafi 1 u 4 sa 9 jiġu sodisfatti, il-valwazzjoni għandha titqies bħala definittiva.

3. Fejn valwazzjoni indipendenti skont il-paragrafu 1 ma tkunx possibbli, [is-SRB] jista' jwettaq valwazzjoni provviżorja tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-entità msemmija fl-Artikolu 2, skont il-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu.

4. L-objettiv tal-valwazzjoni jkun li tivvaluta l-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 li tissodisfa l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni tal-Artikoli 16 u 18.

5. L-għanijiet tal-valwazzjoni għandhom ikunu:

(a) li tingħata informazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk il-kondizzjonijiet tar-riżoluzzjoni jew il-kondizzjonijiet għall-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni tal-istrumenti kapitali intlaħqux;

(b) jekk il-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjoni ntlaħqu, li tingħata informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar l-azzjoni xierqa ta' riżoluzzjoni li għandha tittieħed fir-rigward ta' entità msemmija fl-Artikolu 2;

(c) meta tiġi applikata s-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti, li tingħata informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar kemm għandhom jiġu kkanċellati jew dilwiti l-istrumenti ta' sjieda, u kemm għandhom jiġu valwati negattivament u jiġu kkonvertiti l-istrumenti kapitali rilevanti;

[…]

(g) fil-każijiet kollha, biex jiġi żgurat li kwalunkwe telf fuq l-assi ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 jiġi rikonoxxut bis-sħiħ meta jiġu applikati l-għodod ta' riżoluzzjoni jew jiġu eżerċitati s-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti.

6. Bla ħsara għall-qafas tal-Unjoni [Ewropea] dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, il-valwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq suppożizzjonijiet prudenzjali, inklużi r-rati ta' inadempjenza u l-gravità tat-telf. Il-valwazzjoni ma tassumi l-ebda għoti potenzjali fil-futur ta' kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kwalunkwe assistenza ta' likwidità ta' emerġenza minn bank ċentrali, jew kwalunkwe assistenza ta' likwidità minn bank ċentali pprovduta skont termini ta' kollaterilizzazzjoni, maturità u rati tal-imgħax mhux standard, lil entità msemmija fl-Artikolu 2 minn meta tittieħed l-azzjoni ta' riżoluzzjoni jew jiġu eżerċitati s-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilvanti. […]

[…]

7. Il-valwazzjoni għandha tkun issupplimentata bl-informazzjoni li ġejja kif tidher fil-kotba tal-kontabbiltà u r-reġistri ta' entità msemmija fl-Artikolu 2:

(a) karta bilanċjali aġġornata u rapport dwar il-pożizzjoni ta' entità msemmija fl-Artikolu 2;

(b) analiżi u stima tal-valur kontabilistiku tal-assi;

(c) il-lista tal-obbligazzjonijiet pendenti fuq il-karta bilanċjali u barra l-karta bilanċjali murija fil-kotba u r-reġistri ta' entità msemmija fl-Artikolu 2, b'indikazzjoni tal-krediti rispettivi u l-prijorità tal-pretensjonijiet msemmija fl-Artikolu 17.

[…]

9. Il-valwazzjoni għandha tindika s-subdiviżjoni tal-krediturі fi klassijiet skont il-prijorità tal-pretensjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17 u stima tat-trattament li kull klassi ta' azzjonist u

kreditur kienu jkunu mistennija jirċievu, jekk entità msemmija fl-Artikolu 2 kellha tiġi stralċata skont proċedimenti normali ta' insolvenza. Dik l-istima ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tal-prinċipju 'l-ebda kreditur ma jmur agħar' imsemmi fl-Artikolu 15(1)(g).

10. Fejn, minħabba urġenza taċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tkunx possibbli konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 7 u 9, jew ikun japplika l-paragrafu 3, għandha titwettaq valwazzjoni provviżorja. Il-valwazzjoni provviżorja għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 4 u, sa fejn raġonevolment prattikabbli fiċ-ċirkostanzi, mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1, 7 u 9. Il-valwazzjoni provviżorja msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi buffer għal telf addizzjonali, b'ġustifikazzjoni xierqa.

11. Valwazzjoni li ma tikkonformax mar-rekwiżiti kollha stipulati fil-paragrafi 1, u 4 sa 9 għandha titqies bħala provviżorja sakemm persuna indipendenti kif imsemmi fil-paragrafu 1 twettaq valwazzjoni li tkun konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti kollha stipulati f'dawk il-paragrafi. Dik il-valwazzjoni ex-post definittiva għandha titwettaq hekk malli jkun prattikabbli. Tista' titwettaq separatament mill-valwazzjoni msemmija fil-paragrafi 16, 17 u 18, jew simultanjament magħha u mill-istess persuna indipendenti bħall-valwazzjoni, li iżda għandha tkun distinta minnha.

L-għanijiet tal-valwazzjoni ex-post definittiva għandhom ikunu:

(a) li jiġi żgurat li kwalunkwe telf fl-assi ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 jiġu rikonoxxuti bis-sħiħ fil-kotba tal-kontabbiltà ta' dik l-entità;

(b) tipprovdi informazzjoni biex tittieħed id-deċiżjoni li ssir valwazzjoni negattiva [li jsir irkupru] tal-pretensjonijiet tal-krediturі jew li jiżdied il-valur tal-korrispettiv imħallas, skont il-paragrafu 12 ta' dan l-Artikolu.

12. Fil-każ li l-istima tal-valwazzjoni ex-post definittiva tal-valur tal-assi netti ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 tkun ogħla mill-istima tal-valwazzjoni provviżorja tal-valur tal-assi netti ta' dik l-entità, [is-SRB] jitlob lill-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni biex:

(a) teżerċita s-setgħat tagħha li żżid il-valur tal-pretensjonijiet tal-krediturі jew tas-sidien ta' strumenti kapitali rilevanti li tagħmel [li kienu s-suġġett ta'] valwazzjoni negattiva bl-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna;

(b) jagħti [tagħti] struzzjonijiet lil istituzzjoni tranżitorja jew mezz ta' mmaniġġjar tal-assi li jħallas aktar korrispettiv fir-rigward tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet lil istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew skont il-każ, fir-rigward tal-istrumenti ta' sjieda lis-sidien ta' dawk l-istrumenti ta' sjieda.

13. Minkejja l-paragrafu 1, valwazzjoni provviżorja mwettqa skont il-paragrafi 10 u 11 għandha tkun bażi valida [għas-SRB] biex jieħu deċiżjoni dwar azzjonijiet ta' riżoluzzjoni, inkluż l-għoti ta' istruzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni biex jieħdu l-kontroll ta' istituzzjoni li qed tfalli [istituzzjoni inadempjenti] jew li jeżerċita setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilvanti.

14. [Is-SRB] għandu jistabbilixxi u jżomm fis-seħħ arranġamenti li jiżguraw li l-valutazzjoni għall-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 27 u l-valwazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 15 ta' dan l-Artikolu huma bbażati fuq l-informazzjoni dwar l-assi u

l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, u li din tkun aġġornata u kompluta kif raġonevolment possibbli.

15. Il-valwazzjoni għandha tkun parti integrali tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' għodda ta' riżoluzzjoni jew dwar l-eżerċizzju ta' setgħa ta' riżoluzzjoni jew id-deċiżjoni dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali. Il-valwazzjoni nnifisha ma għandhiex tkun soġġetta għal dritt ta' appell separat iżda tista' tkun soġġetta għal appell flimkien mad-deċiżjoni [tas-SRB].

16. Għall-finijiet li jiġi vvalutat jekk l-azzjonisti u l-krediturikinux jieħdu trattament aħjar li kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza, [is-SRB] għandu jiżgura li tiġi mwettqa valwazzjoni minn persuna indipendenti kif imsemmi fil-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun wara li jkunu daħlu fis-seħħ l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni. Dik il-valwazzjoni għandha tkun separata mill-valwazzjoni mwettqa skont il-paragrafi minn 1 sa 15.

17. Il-valwazzjoni msemmija fil-paragrafu 16 għandha tiddetermina:

(a) it-trattament li l-azzjonisti u l-krediturikrediturikrediturikr

8 It-tieni rapport (iktar 'il quddiem it-"tieni rapport ta' valwazzjoni"), bid-data tas-6 ta' Ġunju 2017, kien ġie stabbilit minn espert indipendenti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 20(10) tar-Regolament Nru 806/2014. L-għan ta' din il-valwazzjoni kien li ssir stima tal-valur tal-attiv u tal-passiv ta' Banco Popular, li tingħata stima dwar it-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-krediturі li kieku Banco Popular kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza, kif ukoll li jiġu identifikati l-elementi li jippermettu li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-azzjonijiet u l-istrumenti ta' sjieda li għandhom jiġu ttrasferiti u li jippermettu lis-SRB jiddetermina liema kienu l-kundizzjonijiet kummerċjali għall-finijiet tal-għodda ta' bejgħ ta' negozju.

9 Fis-7 ta' Ġunju 2017, is-SRB adotta d-Deċiżjoni SRB/EES/2017/08, dwar skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' riżoluzzjoni"). Fl-istess jum, il-Kummissjoni Ewropea adottat id-Deċiżjoni (UE) 2017/1246, li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni għall-Banco Popular Español S.A. (ĠU 2017, L 178, p. 15, rettifika fil-ĠU 2017, L 320, p. 31). Dejjem fl-istess jum, il-Fondo de Reestructuración Ordenada Bancaria (il-Fond ta' Ristrutturazzjoni Organizzata ta' Stabbilimenti Bankarji, iktar 'il quddiem il-"FROB") adotta l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni.

10 Skont l-Artikolu 5(1) tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni:

"L-għodda ta' riżoluzzjoni applikata għal Banco Popular għandha tikkonsisti fil-bejgħ ta' negozju skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014 permezz tat-trasferiment tal-azzjonijiet lil akkwirent. L-iżvalutazzjoni u l-konverżjoni tal-istrumenti kapitali għandhom jitwettqu immedjatament qabel l-applikazzjoni tal-għodda ta' bejgħ ta' negozju." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11 L-Artikolu 6 tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, dwar l-iżvalutazzjoni tal-istrumenti kapitali u l-għodda ta' bejgħ ta' negozju, jinkludi paragrafu 1 li jipprovdi li s-SRB jiddeċiedi, essenzjalment:

(a) żvalutazzjoni tal-ammont nominali tal-kapital azzjonarju ta' Banco Popular b'ammont ta' EUR 2 098 429 046, li għandu jwassal għall-kanċellazzjoni ta' 100 % tal-azzjonijiet ta' Banco Popular;

(b) konverżjoni tal-ammont prinċipali kollu tal-istrumenti kapitali addizzjonali tal-kategorija 1 maħruġa minn Banco Popular u li jinsabu fiċ-ċirkulazzjoni fid-data tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni f'azzjonijiet ġodda maħruġa minn Banco Popular, imsejħa l-"azzjonijiet ġodda I";

(c) tnaqqis għal żero tal-valur nominali tal-"azzjonijiet ġodda I", li għandu jwassal għall-kanċellazzjoni ta' 100 % ta' dawn l-azzjonijiet;

(d) konverżjoni tal-ammont prinċipali kollu tal-istrumenti kapitali tal-kategorija 2 maħruġa minn Banco Popular u li jinsabu fiċ-ċirkulazzjoni fid-data tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni f'azzjonijiet ġodda maħruġa minn Banco Popular, imsejħa l-"azzjonijiet ġodda II".

12 Skont l-Artikolu 6(3) tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, dawn il-miżuri ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni huma bbażati fuq it-tieni rapport ta' valwazzjoni, ikkorroborat mir-riżultati ta' proċess ta' bejgħ trasparenti u bil-miftuħ imwettaq mill-FROB.

13 Is-SRB ordna wkoll, fl-Artikolu 6(5) tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, it-trasferiment tal-"azzjonijiet ġodda II" lil Banco Santander SA, ħielsa u liberi minn kull dritt jew privileġġ ta' terz, bħala korrispettiv għall-ħlas tal-prezz tax-xiri ta' EUR 1, filwaqt li ppreċiża li x-xerrej kien diġà ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment.

14 Fit-18 ta' Settembru 2017, l-appellanti ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, irreġistrat bin-numru T-628/17, intiż għall-annullament tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni kif ukoll tad-Deċiżjoni 2017/1246.

15 Fl-4 ta' Mejju 2018, l-appellanti ressqet quddiem is-SRB talba għal aċċess għal dokumenti abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), fir-rigward tat-tieni rapport ta' valwazzjoni definittiv (iktar 'il quddiem il-"valwazzjoni definittiva *ex post*"), previst fl-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014 u fir-rigward tar-rapport finali tal-espert indipendenti dwar il-valwazzjoni, previst fl-Artikolu 20(16) u (17) ta' dan l-aħħar regolament, li kien intiż li jiddetermina jekk l-azzjonisti u l-krediturі affettwati mill-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar li kieku l-istituzzjoni kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza (iktar 'il quddiem it-"tielet rapport ta' valwazzjoni").

16 Fl-14 ta' Ġunju 2018, is-SRB irċieva t-tielet rapport ta' valwazzjoni.

17 Fid-19 ta' Ġunju 2018, is-SRB wieġeb għat-talba msemmija fil-punt 15 ta' din is-sentenza billi indika, minn naħa, li huwa kien irċieva t-tielet rapport ta' valwazzjoni u li kienet ser tiġi ppreparata verżjoni mhux kunfidenzjali tiegħu qabel il-pubblikazzjoni tiegħu u, min-naħa l-oħra, li huwa ma kellux il-valwazzjoni definittiva *ex post*.

18 Fit-30 ta' Lulju 2018, fil-kuntest tal-proċedura fil-Kawża T-628/17, bi tweġiba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, is-SRB indika li ma kienx ser jipprepara verżjoni *ex post* tal-ewwel rapport ta' valwazzjoni u li t-tieni rapport ta' valwazzjoni ma kienx ser jiġi segwit b'valwazzjoni definittiva *ex post*, filwaqt li ppreċiża għal liema raġunijiet.

19 F'dan ir-rigward, is-SBR indika li, "minħabba l-karatteristiċi partikolari tal-każ preżenti, [kien] wasal għall-konklużjoni li valwazzjoni [definittiva] *ex post* ma kien ser ikollha ebda għan prattiku fil-kuntest tal-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014, u lanqas ma kienet ser twassal għal deċiżjoni ta' kumpens prevista fl-Artikolu 20(12) tar-Regolament Nru 806/2014". Huwa rrileva li valwazzjoni definittiva *ex post* ma setgħetx tkun meħtieġa meta ma tkunx tista' tilħaq l-għanijiet tagħha u spjega għal liema raġunijiet dan kien il-każ f'din il-kawża. Din it-tweġiba ġiet innotifikata mill-Qorti Ġenerali lill-appellanti fit-2 ta' Awwissu 2018.

20 Fl-istess jum, is-SRB bagħat ittra lill-espert indipendenti, ifformulata kif ġej:

"Wara eżami bir-reqqa tal-qafas legali, is-SRB iqis, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tar-riżoluzzjoni ta' Banco Popular, li ma huwiex neċessarju li jipprepara valwazzjoni definittiva *ex post* imsemmija fl-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014, b'mod partikolari sa fejn it-twettiq ta' tali valwazzjoni ma jistax ikollu effett fuq it-trasferiment ta' Banco Popular lil Banco Santander, li stabbilixxiet il-prezz tas-suq ta' Banco Popular bħala entità fil-kuntest ta' proċedura miftuħa, ġusta u trasparenti."

21 L-għada, l-appellanti intimat lis-SRB, abbażi tal-Artikolu 265 TFUE, sabiex jiżgura li titwettaq valwazzjoni definittiva *ex post* ta' Banco Popular, prevista fl-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014, minn persuna indipendenti.

22 Fis-7 ta' Awwissu 2018, is-SRB ippubblika komunikazzjoni dwar l-"Avviż [tas-SRB] tat-2 ta' Awwissu 2018 rigward id-deċiżjoni preliminari tiegħu dwar jekk jeħtieġx li jingħata kumpens lill-azzjonisti u lill-kredituri li fir-rigward tagħhom l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li jikkonċernaw lil Banco Popular […] ikunu ġew affettwati u t-tnedija tal-proċess għad-dritt tas-smigħ (SRB/EES/2018/132)" (ĠU 2018, C 277 I, p. 1), li miegħu kien hemm it-tielet rapport ta' valwazzjoni. F'dan l-avviż kien indikat dan li ġej:

"Mi[t-tielet rapport ta' valwazzjoni] jidher li m'hemm l-ebda differenza bejn it-trattament attwali tal-Azzjonisti u l-Kredituri Milquta u t-trattament li kienu jieħdu li kieku l-Istituzzjoni kienet soġġetta għal proċedimenti normali ta' insolvenza fid-data tar-riżoluzzjoni. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, l-SRB, fl-Avviż, jiddeċiedi fuq bażi preliminari li mhuwiex meħtieġ iħallas kumpens lill-Azzjonisti u lill-Kredituri Milquta […].

Sabiex l-SRB ikun jista jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu dwar jekk jeħtieġx li jingħata kumpens, l-SRB jistieden permezz tal-Avviż lill-Azzjonisti u lill-Kredituri Milquta biex jesprimu interess fl-eżerċitar tad-dritt tagħhom li jinstemgħu fir-rigward tad-deċiżjoni preliminari t'hawn fuq tal-SRB, billi jsegwu l-proċedura ta' konsultazzjoni […]".

23 Fl-10 ta' Settembru 2018, l-appellanti ressqet quddiem is-SRB talba għal aċċess għal dokumenti abbażi tar-Regolament Nru 1049/2001, fir-rigward tal-komunikazzjonijiet kollha bejn is-SRB u l-Kummissjoni dwar il-valwazzjoni definittiva *ex post*, b'mod partikolari dawk li jinformaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu li ma jwettaqx din il-valwazzjoni u, jekk ikun il-każ, dawk li jitolbu l-awtorizzazzjoni tagħha, kif ukoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni, filwaqt li jiġi ppreċiżat, jekk ikun il-każ, jekk tali awtorizzazzjoni kinitx ingħatat.

24 Permezz ta' ittra tal-14 ta' Settembru 2018 (iktar 'il quddiem l-"ittra kontenzjuża"), is-SRB wieġeb għall-intimazzjoni tal-appellanti msemmija fil-punt 21 ta' din is-sentenza u indika li xtaq jinformaha li, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-każ, jiġifieri l-użu tal-għodda ta' bejgħ ta' negozju sabiex jitwettaq it-trasferiment tal-azzjonijiet, huwa kien qies li valwazzjoni *ex post* ma kienet ser isservi ebda għan prattiku fil-kuntest tal-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014, u lanqas ma kienet ser twassal għal deċiżjoni ta' kumpens prevista fl-Artikolu 20(12) ta' dan ir-regolament u li, għalhekk, ma kinitx ser titwettaq valwazzjoni definittiva *ex post*. Is-SRB fakkar li huwa kien diġà esprima din l-opinjoni fil-kuntest tal-proċedura fil-Kawża T-628/17 u li għalhekk l-appellanti kienet diġà ġiet informata dwar dan.

25 Fit-28 ta' Settembru 2018, wara amalgamazzjoni permezz ta' akkwist, Banco Santander saret l-aventi kawża b'titolu universali ta' Banco Popular. F'dan il-kuntest, il-FROB ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment tal-azzjonijiet il-ġodda ta' Banco Popular li rriżultaw mill-konverżjoni tal-istrumenti kapitali tal-kategorija 2 lil Banco Santander.

26 Fl-4 ta' Ottubru 2018, is-SRB wieġeb għat-talba msemmija fil-punt 23 ta' din is-sentenza, kif ukoll għal talba għal aċċess għal dokumenti tas-16 ta' Awwissu 2018 fir-rigward tad-dokumenti interni jew preparatorji tas-SRB dwar il-valwazzjoni definittiva *ex post* u dwar il-komunikazzjonijiet bejn is-SRB u l-espert indipendenti marbuta ma' din il-valwazzjoni. Minn naħa, is-SRB irrifjuta l-aċċess għad-dokumenti interni, għall-komunikazzjonijiet bejnu u l-Kummissjoni u għat-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar il-valwazzjoni definittiva *ex post* abbażi tal-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 1049/2001. Min-naħa l-oħra, huwa kkomunikalha l-ittra li huwa kien bagħat lill-imsemmi espert fit-2 ta' Awwissu 2018.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

27 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-5 ta' Ottubru 2018, l-appellanti ppreżentat rikors intiż għall-annullament tal-ittra kontenzjuża.

28 Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli għar-raġuni li l-ittra kontenzjuża ma kinitx tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

29 Għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali qieset, preliminarjament, li, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-ittra kontenzjuża kinitx tikkostitwixxi tali att sa fejn, kif kienet qiegħda ssostni l-appellanti, kien fiha d-deċiżjoni tas-SRB li ma jwettaqx valwazzjoni definittiva *ex post* ta' Banco Popular, kellu jiġi eżaminat jekk din id-deċiżjoni kinitx ser tipproduċi hija stess effett legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw is-sitwazzjoni legali tal-appellanti.

30 Wara li esponiet il-kontenut tal-Artikolu 20(11) u (12) tar-Regolament Nru 806/2014, il-Qorti Ġenarali rrilevat li l-valwazzjoni definittiva *ex post* kellha żewġ għanijiet.

31 Fir-rigward tal-ewwel għan, imsemmi fl-Artikolu 20(11)(a) tar-Regolament Nru 806/2014 u intiż sabiex jiġi żgurat li kull telf imġarrab fuq l-assi ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jittieħed kompletament inkunsiderazzjoni fil-kontabbiltà tal-entità kkonċernata, il-Qorti Ġenerali indikat li, skont id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, wara l-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni tal-istrumenti kapitali ta' Banco Popular, l-azzjonijiet kollha ta' Banco Popular kienu ġew ittrasferiti lil Banco Santander b'applikazzjoni tal-għodda ta' bejgħ ta' negozju. Minn dan hija ddeduċiet li kienet Banco Santander li kellha tiżgura li kull telf eventwali mġarrab jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kontabbiltà, waqt il-konsolidazzjoni tal-attiv u tal-passiv ta' Banco Popular.

32 Fir-rigward tat-tieni għan, imsemmi fl-Artikolu 20(11)(b) tar-Regolament Nru 806/2014 u li jikkonsisti fil-provvista tal-elementi li jippermettu li tingħata deċiżjoni dwar l-irkupru tal-pretensjonijiet jew iż-żieda fil-valur tal-korrispettiv imħallas, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li din id-dispożizzjoni kellha tinqara fid-dawl tal-Artikolu 20(12) ta' dan ir-regolament li jipprovdi li, jekk, wara li titwettaq il-valwazzjoni definittiva *ex post*, l-istima li tirriżulta minn din il-valwazzjoni tkun ogħla minn dik li tirriżulta mill-valwazzjoni provviżorja, is-SRB jista' jitlob lill-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali sabiex jew iżżid il-valur tal-pretensjonijiet tal-krediturі jew tal-proprjetarji ta' strumenti kapitali rilevanti li kienu ġew żvalutati bis-saħħa tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, jew sabiex tagħti istruzzjonijiet lil istituzzjoni tranżitorja jew lil struttura ta' mmaniġġjar tal-assi sabiex iħallsu korrispettiv supplimentari lil istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni.

33 Peress li din l-aħħar dispożizzjoni tindika espressament il-każijiet li fihom jista' jingħata kumpens, permezz ta' żieda fil-valur tal-pretensjonijiet jew il-ħlas ta' korrispettiv supplimentari, wara li titwettaq valwazzjoni definittiva *ex post*, jiġifieri biss meta l-iskema ta' riżoluzzjoni applikata għall-entità tkun jew l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna prevista fl-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 806/2014, jew l-għodda ta' istituzzjoni tranżitorja msemmija fl-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament, jew l-għodda ta' separazzjoni tal-assi msemmija fl-Artikolu 26 tal-imsemmi regolament, il-Qorti Ġenerali osservat li dawn l-għodda ta' riżoluzzjoni ma kinux ġew applikati f'dan il-każ peress li l-għodda ta' riżoluzzjoni adottata fir-rigward ta' Banco Popular

kienet dik ta' bejgħ ta' negozju prevista fl-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014, u li l-applikazzjoni ta' din l-għodda kienet wasslet għall-bejgħ ta' Banco Popular kollha lil Banco Santander.

34 Il-Qorti Ġenerali għalhekk ikkonstatat li l-għodda ta' bejgħ ta' negozju applikata għal Banco Popular ma kinitx tagħmel parti mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 20(12) tar-Regolament Nru 806/2014 li fihom seta' jitħallas kumpens wara valwazzjoni definittiva *ex post* u, barra minn hekk, li din id-dispożizzjoni ma kinitx tippermetti l-kumpens tal-ex azzjonisti u tal-ex kredituri ta' entità li l-istrumenti kapitali tagħha kienu ġew kompletament ikkonvertiti, żvalutati u ttrasferiti lil terz.

35 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-appellanti li l-valwazzjoni definittiva *ex post* taffettwa direttament is-sitwazzjoni legali tal-ex azzjonisti ta' Banco Popular u, li kieku l-istima tal-valur tas-suq ta' din tal-aħħar kienet ogħla minn dik li tirriżulta mit-tieni rapport ta' valwazzjoni, l-imsemmija azzjonisti kien ikollhom dritt għal kumpens taħt l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014.

36 Hija qieset li, permezz ta' dan l-argument, l-appellanti kienet qiegħda ssostni, essenzjalment, li, li kieku twettqet valwazzjoni definittiva *ex post* ta' Banco Popular, hija kienet tkun tista' titlob l-irkupru tal-pretensjonijiet tagħha jew iż-żieda fil-valur tal-korrispettiv imħallas minn Banco Santander, u indikat li tali argument ma setax jirnexxi peress li, fil-kuntest tar-riżoluzzjoni ta' Banco Popular, l-istrumenti kapitali addizzjonali tal-kategorija 1 kienu ġew ikkonvertiti f'azzjonijiet, żvalutati kompletament u kkanċellati u l-istrumenti kapitali tal-kategorija 2 kienu ġew ikkonvertiti, żvalutati u ttrasferiti kompletament lil Banco Santander. Minn dan hija kkonkludiet li l-ex azzjonisti ta' Banco Popular kienu tilfu l-kwalità tagħhom ta' azzjonisti minħabba l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni.

37 Issa, peress li l-appellanti sostniet, fir-rikors tagħha, li l-ittra kontenzjuża kienet tipprekludiha milli jkollha aċċess għall-valwazzjoni definittiva *ex post* ta' bank "li tiegħu hija azzjonista" jew, fir-replika tagħha, li hija xtaqet tikseb tali valwazzjoni sabiex tinvoka d-drittijiet tagħha "bħala azzjonista ta' Banco Popular", il-Qorti Ġenerali għalhekk wegħditha li, wara l-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni tal-istrumenti kapitali ta' Banco Popular, segwit mit-trasferiment tal-azzjonijiet kollha li jeżerċitaw minn dan l-eżerċizzju lil Banco Santander, l-appellanti ma kinitx għadha żżomm strumenti kapitali li setgħu jkunu s-suġġett ta' kumpens abbażi tal-Artikolu 20(12) tar-Regolament Nru 806/2014.

38 Għall-finijiet taċ-ċaħda tal-argument tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li kien hemm lok li ssir distinzjoni bejn it-tielet rapport ta' valwazzjoni, previst fl-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014, u l-valwazzjoni definittiva *ex post*, imsemmija fl-Artikolu 20(11) ta' dan ir-regolament, peress li l-għan tat-tielet rapport ta' valwazzjoni kien li jiġi ddeterminat jekk l-azzjonisti u l-kredituri kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar li kieku l-istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza u, eventwalment, li jingħatalhom kumpens. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, filwaqt li l-appellanti potenzjalment kellha dritt għal kumpens abbażi tat-tielet rapport ta' valwazzjoni, hija ma setgħetx titlob dan abbażi tal-valwazzjoni definittiva *ex post*.

39 Il-Qorti Ġenerali għalhekk iddeċidiet li s-sitwazzjoni legali tal-appellanti ma kinitx ser tiġi affettwata mill-valwazzjoni definittiva *ex post* ta' Banco Popular u li, għaldaqstant, id-deċiżjoni tas-SRB li ma jwettaqx din il-valwazzjoni ma kinitx tipproduċi effetti legali vinkolanti ta' natura li

jaffettwaw din is-sitwazzjoni. Għaldaqstant, skont il-Qorti Ġenerali, l-ittra kontenzjuża ma tistax tkun att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, sa fejn l-appellanti ssostni li l-imsemmija ittra tipproduċi tali effetti minħabba l-fatt li tinkludi din id-deċiżjoni.

40 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-appellanti li hija biss il-possibbiltà li tippreżenta rikors kontra l-ittra kontenzjuża li tiggarantilha d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") peress li, skont il-ġurisprudenza, minkejja li l-kundizzjoni dwar l-effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent billi jbiddlu b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali tiegħu għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tali interpretazzjoni ma tistax twassal sabiex twarrab din il-kundizzjoni mingħajr ma jinqabżu l-kompetenzi attribwiti mit-Trattat lill-qrati tal-Unjoni.

It-talbiet tal-partijiet

41 L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla d-digriet appellat, sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikors tagħha kien inammissibbli;

– tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali "sabiex hija tiddeċiedi, marbuta mill-punti ta' liġi deċiżi permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, skont it-talbiet [tal-appellanti] fl-ewwel istanza"; u

– tirriżerva l-ispejjeż.

42 Is-SRB jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– prinċipalment, tiċħad l-appell bħala inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, bħala infondat;

– sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

– iktar sussidjarjament, fil-każ ta' evokazzjoni, tiċħad ir-rikors fl-ewwel istanza; u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż ta' din il-proċedura u tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u, sussidjarjament, tirriżerva l-ispejjeż tal-appell.

Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali

43 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Ottubru 2021, l-appellanti talbet li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura billi sostniet, insostenn ta' din it-talba, li s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-14 ta' Settembru 2021, Pintar *et* vs Is-Slovenja, tqajjem żviluppi ġodda, li ma ġewx diskussi mill-partijiet, dwar id-dritt għal rimedju effettiv fil-qasam tar-riżoluzzjoni bankarja u d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni, drittijiet dawn li huma marbuta mill-qrib mal-artikoli tal-Karta invokati fil-kuntest ta' dan l-appell.

44 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ jew il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016, Orange vs Il-Kummissjoni, C-211/15 P, EU:C:2016:798, punt 10 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Dan ma huwiex il-każ hawnhekk. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, tqis li hija għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tiddeċiedi u li l-imsemmija sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-14 ta' Settembru 2021, Pintar *et* vs Is-Slovenja, ma tikkostitwixxix fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tagħha f'din il-kawża.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

Fuq l-appell

47 Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka erba' aggravji. Permezz tal-ewwel aggravju, hija ssostni li huwa bi ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta u tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014 li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikors tagħha kien inammissibbli, peress li l-ittra kontenzjuża għandha effetti legali vinkolanti sa fejn il-valwazzjoni definittiva *ex post* għandha, hija stess, effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw is-sitwazzjoni legali tagħha. Permezz tat-tieni aggravju, hija tallega li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali lil dan l-Artikolu 20 hija inkompatibbli mad-dritt għall-proprjetà u tikser, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 17 tal-Karta. Permezz tat-tielet aggravju, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 20(11)(b) ta' dan ir-regolament billi indikat li l-appellanti potenzjalment ma kienx ser ikollha dritt għal kumpens wara l-valwazzjoni definittiva *ex post* u li, għaldaqstant, l-ittra kontenzjuża ma kellhiex effetti vinkolanti. Permezz tar-raba' aggravju, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 20(11) u (14) tal-imsemmi regolament, kif ukoll l-Artikolu 41 tal-Karta, billi rrifjutat li tirrikonoxxi lill-ittra kontenzjuża effetti vinkolanti fir-rigward tagħha, peress li l-imsemmija ittra tipprekludiha milli jkollha aċċess għal informazzjoni reċenti u kompleta fuq is-sitwazzjoni kontabbli ta' entità li tagħha hija kellha 3.45 % tal-azzjonijiet.

Fuq l-ammissibbiltà tal-appell

48 Skont is-SRB, l-appell huwa inammissibbli fid-dawl tal-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura peress li ma jidentifikax bi preċiżjoni l-punti tal-motivi kkritikati tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li qiegħed jintalab l-annullament tagħha u ma jindikax b'mod preċiż l-argumenti legali insostenn ta' din it-talba. Is-SRB jargumenta li l-appell huwa wkoll kuntrarju għall-Artikolu 170(1) ta' dawn ir-regoli sa fejn huwa bbażat fuq motivi legali ġodda.

49 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

50 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li mill-Artikolu 256 TFUE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li jkun qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll

l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba. B'mod partikolari, l-Artikolu 169(2) ta' dawn ir-regoli jeżiġi li l-aggravji u l-argumenti ta' liġi invokati jidentifikaw bi preċiżjoni l-punti tal-motivi tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li jkunu qegħdin jiġu kkontestati (sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, Mallis *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE, C-105/15 P sa C-109/15 P, EU:C:2016:702, punti 33 u 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 F'dan il-każ, l-ewwel, għandu jiġi kkonstatat li, konformement mal-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura, fl-appell huma identifikati l-punti tal-motivi kkontestati tad-digriet appellat, jew espliċitament, jew permezz tal-kwotazzjoni jew tar-riproduzzjoni tal-elementi li jinsabu fihom, b'tali mod li jistgħu jiġu identifikati. It-tieni, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 47 ta' din is-sentenza, l-appellanti ppreżentati aggravji u argumenti legali li jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità fil-liġi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, Mallis *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE, C-105/15 P sa C-109/15 P, EU:C:2016:702, punt 38). It-tielet, fis-sunt tal-aggravji u tat-talbiet il-appell, l-appellanti titlob espressament lill-Qorti tal-Ġustizzja, kif tista' tagħmel taħt l-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, tilqa' t-talbiet li hija kienet ressqet fl-ewwel istanza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, BĊE vs Trasta Komercbanka *et*, C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923, punt 86).

52 Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostni s-SRB, l-appell jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

53 Fit-tieni lok, mill-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-aggravji għandhom ikunu bbażati fuq argumenti bbażati fuq il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tat-tilwima quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-kuntest ta' appell, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija għaldaqstant limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li tkun ingħatat lill-motivi u lill-argumenti diskussi quddiem il-qorti tal-ewwel istanza (digriet tal-21 ta' Lulju 2020, Abaco Energy *et* vs Il-Kummissjoni, C-436/19 P, mhux ippubblikat, EU:C:2020:606, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

54 Issa, kuntrarjament għal dak li jsostni s-SRB, l-appellanti, permezz tal-erba' aggravji tagħha, qiegħda tikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, fis-sens li hija tqis li l-valwazzjoni definittiva *ex post* kienet obbligatorja u li r-rifjut tas-SRB li jwettaq tali valwazzjoni jipproduċi effetti legali li jbiddlu s-sitwazzjoni legali tagħha bħala azzjonista ta' Banco Popular. Għaldaqstant, l-imsemmija aggravji ma humiex motivi ġodda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Tomana *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-330/15 P, mhux ippubblikata, EU:C:2016:601, punt 35).

55 Għaldaqstant, l-appell huwa ammissibbli.

Fuq l-aggravji

56 L-aggravji għandhom jiġu eżaminati fl-ordni tal-preżentata tagħhom mill-appellanti u b'hekk għandu l-ewwel jiġi eżaminat l-ewwel aggravju.

L-argumenti tal-partijiet

57 Insostenn tal-ewwel aggravju, l-appellanti tindika, l-ewwel, li, kif jirriżulta mill-Artikolu 20(15) tar-Regolament Nru 806/2014, il-valwazzjoni definittiva *ex post* tifforma parti integrali mid-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni. F'dan ir-rigward, hija tipproduċi effetti legali u taffettwa s-sitwazzjoni tal-appellanti peress li din id-deċiżjoni żvalutat kompletament l-azzjonijiet ta' Banco Popular miżmuma mill-appellanti. Barra minn hekk, mill-Artikolu 20(5) ta' dan ir-regolament jirriżulta li kwalunkwe valwazzjoni, inkluża l-valwazzjoni definittiva *ex post*, tipprovdi l-elementi li jippermettu, l-ewwel nett, li jiġi ddeterminat jekk humiex issodisfatti l-kundizzjonijiet sabiex tinbeda proċedura ta' riżoluzzjoni, sussegwentement, li jiġi vverifikat jekk humiex preżenti l-kundizzjonijiet applikabbli għall-iżvalutazzjoni jew għall-konverżjoni ta' strumenti kapitali kif ukoll, fl-aħħar nett, li jiġu deċiżi miżuri ta' riżoluzzjoni xierqa li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-entità kkonċernata. L-appellanti tqis għalhekk li, fost għanijiet oħra, il-valwazzjoni definittiva *ex post* isservi ta' bażi għall-imsemmija deċiżjoni u huwa fid-dawl tal-motivazzjoni tagħha li din l-istess deċiżjoni għandha tiġi interpretata u applikata, kif sostniet l-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali.

58 It-tieni, minħabba l-konsegwenzi marbuta ma' sentenza ta' annullament, li kieku l-Qorti Ġenerali annullat l-ittra kontenzjuża, is-SRB kien ikollu l-obbligu li jiżgura li titwettaq valwazzjoni definittiva *ex post* skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014, u dan jikkonferma li l-imsemmija ittra tipproduċi effetti legali vinkolanti.

59 It-tielet, il-valwazzjoni definittiva *ex post* ma tistax tiġi sseparata mid-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, minn naħa, minħabba li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li annullament parzjali huwa possibbli biss sa fejn l-elementi li qiegħed jintalab l-annullament tagħhom jistgħu jiġu sseparati mill-bqija tal-att u, min-naħa l-oħra, minħabba li mill-Artikolu 20(15) tar-Regolament Nru 806/2014 jirriżulta li l-imsemmi valwazzjoni stess ma tistax tkun is-suġġett ta' dritt għal azzjoni legali separat.

60 Ir-raba', l-Artikolu 20(15) tar-Regolament Nru 806/2014 madankollu ma jsemmix il-każ li fih ma titwettaqx valwazzjoni definittiva *ex post* u d-determinazzjoni tar-rimedju ġudizzjarju li għandu jiġi segwit fir-rigward tad-deċiżjoni li ma jiġix żgurat li titwettaq tali valwazzjoni ma hijiex evidenti. Għalhekk, il-fatt li din il-valwazzjoni ma twettqitx ma jistax jitqajjem fil-kuntest ta' rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni peress li l-adozzjoni jew le ta' valwazzjoni definittiva *ex post* hija avveniment li jseħħ neċessarjament wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' riżoluzzjoni u, jekk ikun il-każ, wara l-preżentata ta' rikors għal annullament.

61 F'dan il-każ, l-appellanti ssostni li d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, adottata fis-7 ta' Ġunju 2017, ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali fix-xahar ta' Settembru 2017, iżda kien biss fix-xahar ta' Awwissu 2018 li s-SRB informa lill-Qorti Ġenerali u lill-espert indipendenti li ma kinitx ser titwettaq valwazzjoni definittiva *ex post*. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, l-avvenimenti li jseħħu wara l-adozzjoni tal-att ikkontestat ma jistgħux jiġu invokati fil-kuntest ta' rikors għal annullament peress li l-legalità tal-imsemmi att għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli fil-mument tal-adozzjoni ta' dan l-att.

62 Għaldaqstant, l-assenza ta' valwazzjoni definittiva *ex post* ma tistax, bħala prinċipju, tiġi kkontestata fil-kuntest tar-rikors għal annullament indirizzat kontra d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni. B'hekk, fl-assenza ta' valwazzjoni definittiva *ex post*, l-unika soluzzjoni kompatibbli mad-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta hija l-preżentata ta' rikors kontra l-att ikkontestat, f'dan il-każ l-ittra kontenzjuża.

63 Is-SRB jikkontesta kemm l-ammissibbiltà tal-ewwel aggravju, abbażi tal-istess argumenti bħal dawk diġà mqajma insostenn tal-inammissibbiltà tal-appell kollu kemm hu, kif ukoll il-fondatezza tiegħu.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

64 Qabel kollox, għandhom jiġu miċħuda l-argumenti tas-SRB dwar l-inammissibbiltà tal-ewwel aggravju, għar-raġunijiet diġà esposti fil-punti 50 sa 54 ta' din is-sentenza fir-rigward tal-appell kollu kemm hu, jiġifieri li dan l-aggravju u l-argumenti esposti insostenn tiegħu jippermettu li jiġu identifikati l-punti tal-motivi kkritikati tad-digriet appellat u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014 allegatament miksura mill-Qorti Ġenerali.

65 Fir-rigward tal-mertu, għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel aggravju jinkludi, essenzjalment, żewġ partijiet. B'hekk, għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok l-ewwel parti, dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament, qabel ma tiġi ttrattata, fit-tieni lok, jekk ikun il-każ, it-tieni parti, dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta.

66 Għandu jitfakkar, preliminarjament, li, f'dan il-każ, quddiem id-deterjorament rapidu tas-sitwazzjoni finanzjarja, u b'mod partikolari tal-insuffiċjenza ta' likwidità, ta' Banco Popular, is-SRB iddeċieda li l-għodda ta' riżoluzzjoni xierqa ma kinitx ir-rikapitalizzazzjoni interna, li fil-fehma tiegħu kienet ser tkun insuffiċjenti, iżda dik tal-bejgħ ta' negozju, kif prevista fl-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014. Filwaqt li uża din l-għodda ta' riżoluzzjoni, is-SRB għamel użu mis-setgħa tiegħu ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti prevista fl-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 806/2014.

67 Kif indikat fil-punti 7 u 8 ta' din is-sentenza, l-ewwel rapport ta' valwazzjoni, stabbilit mis-SRB, kellu l-għan li jipprovdi l-elementi li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet sabiex tinbeda proċedura ta' riżoluzzjoni kinux issodisfatti, filwaqt li t-tieni rapport ta' valwazzjoni, stabbilit minn espert indipendenti maħtur mis-SRB, kellu jistma l-valur tal-attiv u tal-passiv ta' Banco Popular, kellu jipprovdi stima dwar it-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-krediturі li kieku Banco Popular kienet is-suġġett ta' proċedura ta' insolvenza normali u kellu jidentifika l-elementi li kienu jippermettu li tittieħed deċiżjoni dwar l-azzjonijiet u l-istrumenti ta' sjieda li kellhom jiġu ttrasferiti u li kienu jippermettu lis-SRB jiddetermina liema kienu l-kundizzjonijiet kummerċjali għall-finijiet tal-għodda ta' bejgħ ta' negozju. It-tielet rapport ta' valwazzjoni, li wkoll kien stabbilit mill-espert indipendenti, kien intiż li jistabbilixxi jekk l-azzjonisti u l-krediturі affettwati mill-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar li kieku l-istituzzjoni kienet is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza.

68 Is-SRB qies li la kien hemm lok li tiġi ppreparata verżjoni *ex post* tal-ewwel rapport ta' valwazzjoni u lanqas ma kien hemm lok li wara t-tieni rapport ta' valwazzjoni titwettaq valwazzjoni definittiva *ex post*. Wara li ġie intimat mill-appellanti, is-SRB tenna din l-analiżi fl-ittra kontenzjuża.

69 Peress li l-appellanti qiegħda tallega, l-ewwel nett, ksur mill-Qorti Ġenerali u mis-SRB tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014, jeħtieġ li tingħata interpretazzjoni tal-kontenut ta' din id-dispożizzjoni, fid-dawl tal-premessa 64 tal-imsemmi regolament.

70 Minn din il-premessa 64 jirriżulta li għandha ssir distinzjoni bejn il-valwazzjoni tal-attiv u tal-passiv tal-entitajiet inadempjenti kif imwettqa mis-SRB f'każ ta' urġenza, li għandha natura provviżorja, u dik imwettqa b'mod indipendenti, li bħala prinċipju ttemm din in-natura provviżorja.

71 Fir-rigward tat-tipi ta' valwazzjoni, l-Artikolu 20(11) u (16) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi espressament żewġ tipi ta' valwazzjonijiet, jiġifieri, minn naħa, il-valwazzjoni "mwettqa skont il-paragrafi minn 1 sa 15" u, min-naħa l-oħra, dik "msemmija fil-paragrafi 16, 17 u 18". Skont l-Artikolu 20(11) u (16), dawn il-valwazzjonijiet huma u għandhom jibqgħu distinti, joriġinaw minn persuna indipendenti, iżda jistgħu madankollu jitwettqu jew separatament, jew simultanjament u mill-istess persuna indipendenti.

72 Minn dan jirriżulta li, f'dan il-każ, kemm l-ewwel u t-tieni rapport ta' valwazzjoni kif ukoll eventwali valwazzjoni definittiva *ex post* jappartjenu għall-ewwel tip ta' valwazzjoni, peress li jaqgħu taħt l-Artikolu 20(1) sa (15) tar-Regolament Nru 806/2014, filwaqt li t-tielet rapport ta' valwazzjoni, li jaqa' taħt l-Artikolu 20(16) sa (18) tal-imsemmi regolament, jappartjeni għat-tieni tip ta' valwazzjoni.

73 Ċertament, l-eżistenza ta' valwazzjoni definittiva differenti mill-valwazzjoni definittiva *ex post*, li hija implikata miż-żieda, fl-Artikolu 20(11) *in limine* tar-Regolament Nru 806/2014, tal-kliem "ex-post" mal-kliem "valwazzjoni definittiva", b'kuntrast ma' valwazzjoni definittiva mwettqa "*ex ante*", tista' tinfluwenza l-possibbiltà għas-SRB li jirrifjuta li jwettaq valwazzjoni definittiva *ex post*, peress li valwazzjoni definittiva sservi diġà bħala bażi għad-deċiżjoni li tiġi applikata għodda ta' riżoluzzjoni jew li tiġi eżerċitata setgħa ta' riżoluzzjoni jew għad-deċiżjoni li tiġi eżerċitata s-setgħa ta' żvalutazzjoni jew ta' konverżjoni tal-istrumenti kapitali, u għalhekk tkun tista' tiġi kkontestata permezz ta' dawn id-deċiżjonijiet, konformement mal-Artikolu 20(15) tar-Regolament Nru 806/2014.

74 Insostenn ta' din l-interpretazzjoni jista' jintuża wkoll l-Artikolu 20(2) ta' dan ir-regolament, li jipprovdi li "il-valwazzjoni għandha titqies bħala definittiva" meta, bla ħsara għall-paragrafu 15 ta' dan l-Artikolu 20, jiġifieri l-possibbiltà li tiġi kkontestata indirettament l-valwazzjoni permezz tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt 73 ta' din is-sentenza, "ir-rekwiżiti kollha stipulati fil-paragrafi 1 u 4 sa 9 jiġu sodisfatti". Fost dawn ir-rekwiżiti hemm, fl-Artikolu 20(1) tal-imsemmi regolament, dak li l-valwazzjoni titwettaq minn persuna indipendenti, inkluż fir-rigward tas-SRB u tal-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, kif ukoll fir-rigward tal-entità kkonċernata.

75 Għandu jiġi rrilevat, b'mod anċillari, li dan ma jwassalx biss sabiex l-ewwel rapport ta' valwazzjoni, stabbilit mis-SRB, kellu effettivament natura provviżorja, iżda jwassal ukoll sabiex, anki li kieku s-SRB stabbilixxa verżjoni *ex post* ta' dan l-ewwel rapport, kif talbet l-appellanti, tali verżjoni ma kinitx tikkostitwixxi valwazzjoni definittiva minħabba li ma kinitx stabbilita minn persuna indipendenti. Kif indikat l-Avukata Ġenerali fil-punt 70 tal-konklużjonijiet tagħha, sa fejn, f'dan il-każ, l-ewwel rapport ta' valwazzjoni twettaq mis-SRB, ma hemmx dubju dwar in-natura provviżorja tiegħu. F'dan il-każ, huwa biss it-tieni rapport ta' valwazzjoni, li jissodisfa din il-kundizzjoni, li jista', għalhekk, jitqies li jikkostitwixxi "valwazzjoni definittiva", fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014.

76 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar din l-aħħar kwistjoni jew dwar il-mod kif żviluppat il-pożizzjoni tas-SRB f'dan ir-rigward, li l-Qorti Ġenerali kellha raġun meta ddeċidiet li, fi kwalunkwe każ, valwazzjoni *ex post* kienet ser tibqa',

fiċ-ċirkustanzi tal-każ, mingħajr konsegwenza fuq is-sitwazzjoni legali tal-appellanti, b'tali mod li r-rifjut li titwettaq valwazzjoni definittiva *ex post* li ġie nnotifikat lilha ma setax jitqies bħala att li jikkawżalha preġudizzju u, għalhekk, ma kienx att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

77 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li t-tweġiba mogħtija mis-SRB lill-Qorti Ġenerali dwar ir-raġunijiet għaliex ma kellux l-intenzjoni jistabbilixxi valwazzjoni definittiva *ex post* f'dan il-każ hija bbażata fuq l-għanijiet ta' tali valwazzjoni.

78 Għalkemm huwa minnu, kif issostni l-appellanti, li l-formulazzjoni tal-Artikolu 20(11) *in limine* tar-Regolament Nru 806/2014 tidher li tagħmel it-twettiq ta' valwazzjoni definittiva *ex post* indispensabbli meta s-SRB ikollu biss valwazzjoni provviżorja, b'mod partikolari minħabba l-użu tal-preżent indikattiv fl-espressjoni "għandha titwettaq", li għandha valur ta' imperattiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2020, X (Mandat ta' arrest Ewropew – Kriminalità doppja), C-717/18, EU:C:2020:142, punt 20), u tal-użu tal-espressjoni "hekk malli jkun prattikabbli", xorta waħda jibqa' fatt li l-Qorti Ġenerali kellha raġun tenfasizza l-assenza ta' impatt tal-fatt li ma sarx tali rapport fuq is-sitwazzjoni legali tal-appellanti, b'mod partikolari fid-dawl taż-żewġ għanijiet tal-valwazzjoni definittiva *ex post*, kif stabbiliti fl-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014.

79 F'dan ir-rigward, ir-raġuni wara l-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014, espressa fit-tieni subparagrafu ta' din id-dispożizzjoni, tirriżulta miż-żewġ għanijiet speċifiċi tiegħu, jiġifieri "li jiġi żgurat li kwalunkwe telf fl-assi ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 jiġu rikonoxxuti bis-sħiħ fil-kotba tal-kontabbiltà ta' dik l-entità" u li "tipprovdi informazzjoni biex tittieħed id-deċiżjoni li ssir valwazzjoni negattiva [li jsir irkupru] tal-pretensjonijiet tal-krediturі jew li jiżdied il-valur tal-korrispettiv imħallas, skont il-paragrafu 12 ta' dan l-Artikolu". Anki jekk il-formulazzjoni ta' dan it-tieni għan tinkludi deskrizzjoni pjuttost wiesgħa tal-kundizzjonijiet li għandhom iwasslu għall-istabbiliment ta' valwazzjoni definittiva *ex post*, għandu jiġi kkonstatat li din il-formulazzjoni tirreferi espressament, kif ġustament irrilevat il-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat, għall-Artikolu 20(12) tal-imsemmi regolament, li minnu jirriżulta li dan japplika biss għal sitwazzjonijiet speċifiċi, jiġifieri dawk li fihom is-SRB ikun uża l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, għodda ta' istituzzjoni tranżitorji jew struttura ta' mmaniġġjar tal-assi.

80 Fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari ta' din il-kawża, l-istabbiliment tat-tieni rapport ta' valwazzjoni definittiva *ex post*, anki jekk jitqies li huwa obbligatorju, ma kien jaqdi, fi kwalunkwe każ, ebda wieħed minn dawn iż-żewġ għanijiet. B'hekk, l-appellanti ma tipproduċi ebda element ta' natura li jistabbilixxi li l-għan imsemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014 japplika għal din il-kawża. L-għan imsemmi fil-punt (b) ta' din id-dispożizzjoni lanqas ma japplika peress li, kif ġustament enfasizzat il-Qorti Ġenerali fil-punti 46 u 47 tad-digriet appellat, l-għodda ta' riżoluzzjoni li ġiet adottata fir-rigward ta' Banco Popular hija l-għodda ta' bejgħ ta' negozju prevista fl-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014.

81 Issa, l-applikazzjoni ta' din l-għodda ta' bejgħ ta' negozju ma hijiex waħda mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 20(12) ta' dan ir-regolament li fihom jista' jitħallas kumpens wara valwazzjoni definittiva *ex post*.

82 Fl-aħħar nett, f'każ bħal dak inkwistjoni fejn it-tieni rapport ta' valwazzjoni jkun segwit mill-użu tal-għodda ta' bejgħ ta' negozju, ir-riżultat imsemmi f'dan ir-rapport ikun, fi kwalunkwe każ, jew ikkorraborat jew invalidat mill-prezz tal-bejgħ miksub fi tmiem proċedura ta' sejħa għal offerti mmexxija b'mod legali. Għalhekk, il-prezz ġust jikkorrispondi sempliċement għall-prezz effettiv

tas-suq, kif ikun ġie kkonstatat. B'hekk, l-għodda ta' bejgħ ta' negozju tikkonkretizza b'mod ċar, *de facto*, kull dibattitu dwar il-valur ekonomiku potenzjali tal-assi tal-istituzzjoni ttrasferita. Għaldaqstant, għall-inqas fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, valwazzjoni definittiva *ex post* kienet tkun tista' tikkonstata biss dan il-valur tas-suq, b'tali mod li l-effett tagħha fir-rigward tal-appellanti kien ikun ineżistenti.

83 Sabiex toġġezzjona għal dan, l-appellanti targumenta li l-valwazzjoni definittiva *ex post* ma għandhiex biss bħala għan iż-żewġ għanijiet inkwistjoni, iżda tipprovdi, sa fejn tagħmel parti integrali mid-deċiżjoni li ser jadotta sussegwentement is-SRB, bħal kwalunkwe valwazzjoni, l-elementi li jippermettu, l-ewwel nett, li jiġi ddeterminat jekk humiex issodisfatti l-kundizzjonijiet sabiex tinbeda proċedura ta' riżoluzzjoni, sussegwentement, li jiġi vverifikat jekk humiex preżenti l-kundizzjonijiet applikabbli għall-iżvalutazzjoni jew għall-konverżjoni ta' strumenti kapitali kif ukoll, fl-aħħar nett, li tittieħed deċiżjoni dwar il-miżuri ta' riżoluzzjoni xierqa li għandhom jittieħdu fil-konfront tal-entità kkonċernata.

84 Madankollu, ebda wieħed minn dawn l-argumenti, meħud mill-perspettiva tal-ammissibbiltà tar-rikors intiż għall-annullament tal-ittra kontenzjuża, ma huwa ta' natura li jinvalida l-konstatazzjoni li tinsab fil-punt 82 ta' din is-sentenza dwar il-prezz tas-suq tal-assi ta' Banco Popular, li ma jistax ikun differenti minn dak, effettiv, li jirriżulta mill-użu tal-għodda ta' bejgħ ta' negozju.

85 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju mqajjem mill-appellanti insostenn tal-appell tagħha, ibbażata fuq allegat ksur mis-SRB tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014 għandha tiġi miċħuda. Fid-dawl tal-fatt li, kif iddeċidiet ġustament il-Qorti Ġenerali, l-ittra kontenzjuża ma kinitx tikkostitwixxi, fi kwalunkwe każ, att li jista' jiġi kkontestat, l-appell għandu jiġi miċħud, mingħajr ma huwa meħtieġ li tiġi eżaminata t-tieni parti tal-ewwel aggravju u lanqas l-aggravji l-oħra ta' dan l-appell.

Fuq l-ispejjeż

86 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

87 Peress li s-SRB talab li l-appellanti tiġi kkundannata għall-ispejjeż, u peress li din tal-aħħar tilfet l-appell, hija għandha tiġi kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mis-SRB.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Aeris Invest Sàrl hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem